MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 21

Il-Ħamis 24 ta' Settembru 2020

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġużè' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex nhar il-Ħamis 24 ta' Settembru 2020 fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Munxar

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 21.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

21.1.1 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kunsillier is-Sur Mark Busuttil kif ukoll il-Kunsillier is-Sur Joseph Cauchi ser jattendu ftit tard għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-membri preżenti aċċettaw l-apoloġija.

### 21.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

21.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 20 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

21.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

21.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 21.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

21.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri informa lill-membri li flimkien mas-Sindki l-oħra t'Għawdex attenda għal-laqgħa mar-rappreżentanti tal-Malta Tourism Authority dwar il-problemi tal-iskart kummerċjali. Is-suġġeriment ewlieni mis-Sindki kien biex jiżdied l-infurzar mill-awtoritajiet u s-Sindku żied jgħid li hu ressaq proposta sabiex l-iskart kummerċjali jibda jinġabar mill-Kunsill Lokali fejn l-istabilimenti kummerċjali jħallsu miżata minima bbażata fuq rata fissa. Is-Sindku qal ukoll li biex isir dan trid tiġi emendata l-liġi u possibilment tiżdied l-allokazzjoni lill-Kunsilli Lokali mill-Gvern Ċentrali. Huwa qal li dawn il-proposti qed ikomplu jiġu diskussi fi ħdan il-Kunsill Reġjonali Għawdex. Kien hemm qbil mill-membri preżenti fuq il-proposti tas-Sindku.

Kunsill Lokali Il-Munxar

21.3.2 Is-Sindku informa lill-membri li attenda għal-laqgħa virtwali dwar studju li qed isir minn kumpanija privata biex jiġi mhejji *masterplan* dwar il-preservazzjoni tal-ilma fil-widien. Huwa nforma lill-membri li din il-kumpanija ser torganizza laqgħa pubblika dwar il-Wied tax-Xlendi nhar is-Sibt 26 ta' Settembru 2020 ġewwa l-Oratorju Don Bosco u kulħadd mistieden jattendi. Is-Sindku qal li ser jipproponi sabiex isir tindif regolari tal-wied li jinkludi l-eliminazzjoni tal-qasab, jinbnew ħitan tas-sejjieħ biex iservu ta' lqugħ biex il-ħamrija ma tintilifx, jinbnew digi jew ġibjuni biex jiġi ppreservat l-ilma tax-xita u ma jmurx kollu fil-baħar, kif ukoll, biex isiru aktar *storm water culverts* fit-toroq tal-lokalita'. Kien hemm qbil mill-membri preżenti għal dawn il-proposti mressqa mis-Sindku.

21.3.3 Is-Sindku informa lill-membri li saru diversi laqgħat mal-partijiet konċernati dwar ix-xogħlijiet li għaddejjin ta' restawr tat-torri tax-Xlendi. Il-Kunsill ressaq talba lill-Ministru għal Għawdex sabiex ukoll jagħti s-sehem tiegħu f'dan il-proġett billi jiprovdi s-servizzi ta' *Quantity Surveyor, Land Surveyor u Botanist*. Is-Sindku għarraf lill-membri li wara li l-Ministru laqa' din it-talba, saret laqgħa mad-Direttur Ġenerali ta' dan il-Ministeru.

21.3.4 Is-Sindku għarraf lill-membri li beda jiġi mplimentat il-pjan tal-immaniġjar tat-traffiku fi Triq il-Munxar billi bdew jinżebgħu xi marki stradali wara l-approvazzjoni ta' Transport Malta. Huwa qal li matul dawn ix-xogħlijiet saru xi talbiet minn xi residenti liema emendi ser jitressqu għall-kunsiderazzjoni ta' Transport Malta. Dawn jinkludu: *single yellow line* quddiem *drive-in*, ċaqlieq ta' ftit metri tad-*disabled parking bay*, kaxxi bojod f'daħla f'din it-triq, *double yellow line* fejn is-sid tal-garaxx irrifjuta li jsir u emendi fit-tip ta' *speed cushions* li ser jintużaw. Kien hemm qbil mill-membri preżenti biex jitressqu dawn l-emendi. Dwar din it-triq, is-Sindku qal ukoll li tressaq ilment minn resident sabiex issir grada quddiem il-bankina tar-residenza tiegħu. Kien hemm qbil dwar dan.

21.3.5 Is-Sindku ressaq suġġeriment li wasal għandu minn xi sajjieda fix-Xlendi sabiex jitmexxew lejn ix-xellug it-tabelli li hemm mal-iskall fejn l-Għar tas-Sorijiet liema tabelli jindikaw li ma jistgħux jieqfu dgħajjes biex jiżbarkaw. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dan is-suġġeriment jintbagħat għall-kunsiderazzjoni ta' Transport Malta.

Kunsill Lokali Il-Munxar

21.3.6 Is-Sindku ressaq suġġeriment sabiex isir *railing* tal-kanni fix-xtajta tax-Xlendi biex l-anzjani jiniżlu fuq ir-ramel. Kien hemm qbil mill-membri preżenti.

## 21.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

21.4.1 Il-Viċi Sindku, is-Sinjura Carmen Parnis, ressqet suġġeriment sabiex isir manutenzjoni fuq bank fil-Pjazza tal-Knisja. Kien hemm qbil dwar dan.

21.4.2 Il-Viċi Sindku, is-Sinjura Carmen Parnis, staqsiet jekk intbagħtitx l-ittra li l-Kunsill kien qabel li jibgħat lill-Awtorita' tal-Ippjanar dwar l-iżvilupp massiċ fix-Xlendi fl-aħħar laqgħa. Is-Sindku wieġeb li din l-ittra ntbagħtet liċ-*chairperson* tal-Awtorita' tal-Ippjanar is-Sur Martin Saliba fejn il-Kunsill wera t-tħassib tiegħu għal dawn l-applikazzjonijiet tal-iżvilupp fejn apparti li ser jinqerdu l-karatteristiċi tax-Xlendi, se jkun hemm aktar problemi fl-infrastruttura inġenerali fosthom fuq is-sistema tad-drenaġġ u l-problema tal-parkeġġ. Is-Sindku tenna li huwa fl-obbligu tal-Kunsill li jibqa' jsegwi dawn l-applikazzjonijiet u jsostni dawn il-punti.

## 21.5 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

21.5.1 Il-Kunsill irċieva l-ittra tal-approvazzjoni għall-għoti ta' kofinanzjament ta' fondi ewropej biex isir restawr u bini mill-ġdid ta' ħitan tas-sejjieħ fi Triq Santa Dminka, Triq l-Isqawi, Triq Munxar u fl-inħawi tas-Sanap. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li se jagħlaq iż-żmien biex jintefgħu l-offerti għax-xogħol ta' restawr u bini mill-ġdid ta' ħitan tas-sejjieħ fl-inħawi tax-Xadba u għalhekk il-Kunsill irid jaħtar il-membri tal-bord tal-evalwazzjoni. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dan il-bord ikun magħmul mill-istess persuni li kienu jservu f'dan il-bord f'offerti preċedenti. Dawn huma: is-Segretarju Eżekuttiv bħala s-segretarju tal-bord, is-Sindku Damien Spiteri bħala *chairperson* tal-bord u l-evalwaturi jkunu l-*Accountant* Daniel Galea, il-Perit Edward Scerri, u s-Sur William Sultana.

21.5.3 Il-Kunsill irċieva ċirkulari dwar it-tilqima tal-influwenza staġjonali li għalissa skont din iċ-ċirkulari dan is-servizz ser jingħata biss lil persuni

Kunsill Lokali Il-Munxar

minn 65 sena 'il fuq u dawk *homebound* jew b'xi diżabilta'. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li tqassam avviż lir-residenti dwar dan kif ukoll tqassmet l-iskeda l-ġdida tal-ġbir tal-iskart fil-Munxar u x-Xlendi li ser tidħol fis-seħħ mill-1 t'Ottubru 2020. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni dwar din l-iskeda li hekk kif maqbul f'laqgħa preċedenti, il-ġabra tal-iskart domestiku fil-Munxar ta' nhar ta' Sibt li kienet issir biss fix-xhur ta' Lulju, Awwissu u Settembru, ser tibqa' għas-sena kollha. Huwa qal li din il-ġabra ser iżżid spiża finanzjarja addizzjonali għall-Kunsill u għalhekk kull membru jridu joqgħod aktar b'attenzjoni għall-proposti li jressaq fil-Kunsill.

21.5.4 Il-Kunsill irċieva l-approvazzjoni tal-permess tal-iżvilupp għall-proġett ta' tisbieħ u pavimentar tal-aħħar fażi tal-Pjazza tal-Knisja. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-Kunsill għadu jistenna l-eżitu tal-permess ambjentali mill-Awtorita' tal-Ambjent u r-Riżorsi fir-rigward tas-siġar tal-*Ficus* li hemm fil-pjazza. Il-Kunsill innota dan.

21.5.5 Il-Kunsill irċieva notifika dwar is-sottomisjoni tal-applikazzjoni (DNO) għall-permess biex isir xogħol ta' tisbieħ fi Triq L-Isqawi. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-Kunsill qed jistenna *clearance* mill-Awtorita' tal-Ambjent u r-Riżorsi, kif ukoll mill-Awtorita' tal-Artijiet. Il-Kunsill innota dan.

21.5.6 Il-Kunsill irċieva notifika mingħand Transport Malta li l-applikazzjoni biex isir *Reserved Parking Bay* għall-persuni b'diżabilita' fi Triq ir-Ranċiż fix-Xlendi ma ġietx milqugħa minħabba li diġa' hemm żewġ parkeġġi simili fl-istess triq. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.5.7 Il-Kunsill irċieva notifika mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar terminazzjoni ta' permess biex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet fix-Xlendi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.5.8 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Direttorat tal-Wirt Kulturali fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex sabiex il-Kunsill jissottometti dettalji ta' proġetti proposti u assistenza meħtieġa għall-attivitajiet li se jkunu organizzati għal dan l-istaġun tal-Milied. Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex it-talba tkun tikkonsisti għall-assistenza finanzjarja biex jinxtara armar ġdid tal-Milied għat-toroq tal-lokalita' flimkien ma' attivitajiet relatati. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

Kunsill Lokali Il-Munxar

21.5.9 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, Arti u Gvern Lokali flimkien mal-Fondazzjoni Marigold, biex jiżdied l-għarfien fuq il-kampanja 'Pink October' u jinxtegħel post prominenti fil-lokalita' bil-kulur *pink*. Wara diskussjoni dwar dan mill-membri, kien hemm qbil sabiex jinxtegħel il-*playingfield* bħas-sena l-oħra, kif ukoll il-pjazzetta ta' Triq 12 ta' Diċembru 1957.

21.5.10 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsill Reġjonali Għawdex sabiex jindikaw erba' temi biex jiġu provduti kotba għall-librerija tal-Kunsill jew li jaqgħu taħt ir-responsabilta' tagħhom bi qbil ma' xi organizzazjonijiet oħra fil-lokalita'. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dawn il-kotba li ser ikunu provduti mill-Kunsill Reġjonali Għawdex ikunu dwar temi fuq sports, kultura, storja u rumanzi.

*5.45pm Il-Kunsillier Joseph Cauchi u l-Kunsillier Mark Busuttil waslu għal-laqgħa.*

21.5.11 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsill Reġjonali Għawdex bi proposta għall-Kapitlu 409 – ATT DWAR SERVIZZI TAL-IVVJAĠĠAR U TAT-TURIŻMU GĦAL MALTA, preċiżament għal-Leġislazzjoni Sussidjarja 409.11 u 409.15 li jitrattaw ir-REGOLAMENTI DWAR POSTIJIET GĦALL-BTALA u r-REGOLAMENTI DWAR STABBILIMENTI LI JIPPROVDU IKEL rispettivament. Il-Kunsill Reġjonali Għawdex, wara d-diskussjoni li saret fil-laqgħa mar-rappreżentanti tal-Mata Tourism Authority li semma' s-Sindku aktar kmieni, ser iressaq proposta biex din il-liġi tiġi emendata u l-iskart kummerċjali li jirrigwardja stabbilimenti tal-ikel u postijiet għall-btala jibda jinġabar mill-Kunsilli Lokali u jiġu allokati fondi għal dan is-servizz addizzjonali. Wara diskussjoni dwar din il-materja fejn is-Sindku reġa' elenka s-suġġerimenti li ressaq hu stess imsemmija aktar kmieni f'din il-laqgħa, kien hemm qbil mill-membri kollha ma' dan il-kunċett propost mill-Kunsill Reġjonali Għawdex.

21.5.12 Ċirkulari SPI/SCI/3/2020 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Aċċessibilta' u Mobilta'. Il-Kunsill innota l-kontenut u s-Sindku talab lill-membri jressqu xi suġġerimenti biex il-Kunsill jissottometti din l-applikazzjoni għall-fondi.

21.5.13 Ċirkulari DLG 7/2020 – Permessi maħruġa mil-Kunsilli Lokali skont L.S. 441.04. Il-Kunsill innota l-kontenut.

Kunsill Lokali Il-Munxar

21.5.14 Direttiva DLG 06/2020 – Spejjeż tat-Tribunali Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.5.15 Kunsill Reġjonali Għawdex – Korsijiet akreditati fuq Livell minn MQF 4 sa MQF 7. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.5.16 WasteServ Malta Ltd. – European Week for Waste Reduction 2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.5.17 MFCS Segretarjat Parlamentari għall-Anzjanita' Attiva u Persuni b'Diżabilita' – Applikazzjonijiet għall-Premju Soċjeta' Ġusta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.5.18 Ċirkulari Nru AKL 2020/095 – Tindif ta' culverts tal-ilma tax-xita. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.5.19 Ċirkulari Nru AKL 2020/096 – Minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 36. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.5.20 Ċirkulari Nru AKL 2020/097 – Ġbir ta' ħġieġ riċiklabbli. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.5.21 Ċirkulari Nru AKL 2020/098 – Equalcity Project – International Organization for Migration in belgium and Luxemburg. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.5.22 Ċirkulari Nru AKL 2020/099 – Cleaner Vehicles LCA Report. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.5.23 Ċirkulari Nru AKL 2020/100 – Ġbir ta' Ħġieġ – Skemi. Il-Kunsill innota l-kontenut. Is-Sindku informa lill-membri li minħabba xi residenti ma ħarġux il-ħġieġ tagħhom ġol-kontenituri kif indikat, il-kuntrattur ma ġabarx il-ħġieġ kollu, u għalhekk il-ħġieġ li kien hemm fit-toroq inġabar mill-ħaddiema tal-Kunsill u tpoġġa ġol-*bring-in-sites* fix-Xlendi.

21.5.24 Ċirkulari Nru AKL 2020/101 – Ġbir ta' informazzjoni fuq latrini pubbliċi fil-lokalita'. Il-Kunsill innota l-kontenut u bagħat l-informazzjoni rikjesta.

21.5.25 Ċirkulari Nru AKL 2020/102 – Kollezzjoni żejda ta' ġbir ta'ħġieġ 03/09/2020 – 06/09/2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

Kunsill Lokali Il-Munxar

21.5.26 Ċirkulari Nru AKL 2020/103 – Organic Waste Collection Invoice Status for 2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.5.27 Ċirkulari Nru AKL 2020/104 – Siti ta' devoluzzjoni għand il-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut u bagħat l-informazzjoni rikjesta.

21.5.28 Ċirkulari Nru AKL 2020/105 – Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ. Il-Kunsill innota l-kontenut u bagħat l-informazzjoni rikjesta.

21.5.29 Ċirkulari Nru AKL 2020/106 – Minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.37. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.5.30 Ċirkulari Nru AKL 2020/107 – Permanent Measure Competition De Minimis Form. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.5.31 Ċirkulari Nru AKL 2020/108 – Il-Festa bħala Wirt Intanġibli Dinji. Il-Kunsill innota l-kontenut u bagħat ittra lill-Għaqda Każini tal-Banda hekk kif rikjest.

21.5.32 Ċirkulari Nru AKL 2020/109 – Dati ta' għeluq snin Sindki, Kunsilliera, SE u ħaddiema. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.5.33 Ilment 22/2020
Jitlob sabiex d-*double yellow lines* li hemm f'parti minn Triq Puniċi fix-Xlendi (kif indikat fir-ritratt provdut) jitneħħa la m'għadx baqa' xogħol ta' kostruzzjoni għaddej. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dawn jitneħħew la darba jinħeles ix-xogħol li għaddej bħalissa fuq culvert u bankina quddiem il-blokka t'appartamenti imsemmija f'dan l-ilment.

21.5.34 Ilment 23/2020
Tissuġġerixxi sabiex fix-xhur tax-Xitwa tibqa' issir ġabra ta' skart organiku u ġabra ta' skart domestiku kull ġimgħa wara nofsinhar. Il-Kunsill tenna li l-iskeda tal-ġbir tal-iskart hija rregolata permezz ta' avviż legali u għaldaqstant dan m'huwiex permissibbli.

21.5.35 ***Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-membri kollha sabiex jagħti ċ-ċans liż-żewġ Kunsilliera li ma kienux preżenti waqt il-Mistoqsijiet mill-Kunsilliera sabiex ikunu jistgħu jagħmlu l-intervent tagħhom. Kien hemm qbil unanimu.***



Kunsill Lokali Il-Munxar

21.5.36 Il-Kunsillier is-Sur Joseph Cauchi ressaq ilment ta' resident li joqgħod fi Triq Dun Spir Gauci dwar boroż tal-iskart li qed jitpoġġew taħt it-tieqa tal-appartament tiegħu li jinsab fis-sular ta' mat-triq. Is-Sindku qal li skont il-liġi l-iskart irid jitpoġġa quddiem ir-residenza u f'dan il-każ kien hemm min qed ipoġġi l-iskart tiegħu f'post pubbliku faċċata tal-blokk tal-appartamenti, iżda dan mhux permissibbli. Is-Sindku qal li ser jitkellem mal-amministratur ta' dan il-blokk ta' appartamenti biex tinstab soluzzjoni.

21.5.37 Il-Kunsillier is-Sur Mark Busuttil ressaq ilment dwar il-problema tad-dwal il-ġodda li ġew installati fil-bajja tax-Xlendi. Is-Sindku qal li huwa kellem lid-Direttur Ġenerali fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex biex tissolva din il-problema fejn matul il-lejl dawn il-fanali l-ġodda qed jintfew.

21.5.38 Il-Kunsillier is-Sur Mark Busuttil reġa' ġibed l-attenzjoni dwar skart li qed jakkumula fuq is-sies taħt l-appartamenti ta' Triq Puniċi. Is-Sindku wieġeb li bħala Kunsill sar kuntatt ma' ERRC Malta biex isir tindif f'din iż-żona bil-għajnuna tagħhom iżda l-Kunsill ma kellu l-ebda risposta. Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil sabiex jintbagħat avviż lis-sidien tal-appartamenti ta' dawk l-inħawi biex ma jitfgħux żibel għal isfel.

21.5.39 Il-Kunsillier is-Sur Mark Busuttil ressaq proposta sabiex tintbagħat ittra lil Transport Malta dwar il-problema ta' parkeġġ li ser ikun hemm la darba jsir l-iżvilupp massiċ ta' appartamenti u lukanda fi Triq Puniċi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

## <u>21.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;</u>

21.6.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 21/2020-8 għall-perjodu bejn it-22 t'Awwissu 2020 u l-24 ta' Settembru 2020 li tammonta għal €63,245.39 ġiet approvata u ffirmata.

Kunsill Lokali Il-Munxar

## 21.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

21.7.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 22 t'Ottubru 2020 fil-5.00 ta' filgħaxija.

**Bi qbil bejn il-membri tal-Kunsill Lokali Il-Munxar, il-laqgħa ġiet posposta għall-Ġimgħa 23 t'Ottubru 2020 fil-5.30 ta' filgħaxija minħabba l-funeral ta' missier il-Kunsilliera Juliet Attard.**

Konfermati illum, il-Ġimgħa 23 t'Ottubru 2020.

IFFIRMATA
Damien Spiteri
Sindku

IFFIRMATA
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Munxar